MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 283/2005

**Il-Pulizija**
**Vs**

**David Guntrip**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-7 t'April, 2005, ghall-habta tas-12.45 hrs, fil-Malta International Airport, L/O Gudja :**
**1) saq vettura numru LVY-132 (Garage Hire) minghajr ma kien liebes jew kellu fil-pussess tieghu tag tal-identita' mahruga mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta;**
**2) saq l-imsemmija vettura numru LVY-132 (Garage Hire) minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan taht dik il-kategorija specifikata mahruga mill-Kummissarju tal-**

**Pulizija, jew mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta, u/jew saq l-imsemmija vettura meta ma kienx awtorizzat biex jaghmel hekk mid-Direttorat tat-Trasport Pubbliku;**
**3) b'hekk ma kienx kopert bil-polza tas-sigurta' dwar ir-riskju tat-terzi persuni.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 t'Ottubru, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 3 tal-Kap. 104, 15(1)(a) u 3 tal-Kap. 65 u AL 191/2002, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' LM1200 fuq it-tielet akkuza w ammenda ta' LM25 fuq l-ewwel u t-tieni akkuza. Skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 t'Ottubru, 2005 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tillibera lill-istess appellant minn kull piena w imputazzjoni w, fin-nuqqas, tvarjaha fis-sens li filwaqt li tikkonfermaha kwantu sabet il-htija, tissostitwixxi l-piena b'wahda anqas severa fic-cirkostanzi b'riserva li l-esponent iressaq kull prova opportuna fi stadju ta' appell.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti :-1. li ma hemmx prova konvincenti kemm kien hemm nies fil-vann u hemm dubju serju dwar il-fatti tant li wiehed mill-ufficjali lanqas irrikonoxxa lill-appellant ; 2. li l-appellant ma kienx jippossjedi l-mens rea biex jinghad li setghu jikkonfiguraw fil-konfront tieghu l-akkuzi kif addebitati; 3 li l-piena nflitta kienet wahda esagerata.**

**Semghet il-provi fl-udjenza tat-3 ta' Novembru, 2005,**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mix-xhieda ta’** EO 5 CARMELO MUSCAT**, li hu Enforcement Officer mall-Awtorita’ Dwar it-Trasport Pubbliku, rrizulta li fis-7 t’ April, 2005 , kien waqqaf il-Vann Minibus abjad numru LVY 132 fl-Airport tal-Gudja misjuq mill-appellant u meta hu ghadd in-numru tal-passiggieri, sab li kien hemm ghaxra, meta hu m’ ghandux licenzja biex isuq vettura li trikkeb aktar minn tmin passiggieri ghax ma kellux licenzja D1. Jaf pero’ li sussegwentement l-appellant kien applika ghal dil-licernzja u gabha fit-2 ta’ Mejju, 2005. Il-Licenzja li kellu dakin-nhar kienet B 1 biss.**

**Ir-rapprezentant tal-Awtorita’ Dwar it-Trasport,** BRIAN FARRUGIA**, xehed li l-appellant kellu biss licenzja Grupp B 1 biex isuq vetturi taht hamest tunnellati w cioe’ taxi u chauffeur driven cars u din ma kienetx tkoprieh biex isuq vettura li tiehu aktar minn tmin passiggieri, ghalkemm il-licenzja dan ma tghidux expressament. F’ dal-kaz il-vann hu *eleven seater*.**

EO 49, RAYMOND BUGEJA **xehed meta waqqfu lill-appellant dan kellu ghaxar passiggieri . Hu kien talab it-tag lill-appellant u dan tah dik tal-Grupp B li tkopri biss seba passiggieri w xufier , mentri suppost kellu licenzja Grupp D 1. Tah ukoll id-driving licence li ma kienetx tajba . Hu ha l-impressjoni li l-akkuzat kien haseb li kien kopert.**

**Meta xehed** l-APPELLANT**, ghall-ewwel qal li kellu sitt passiggieri mieghu, izda wara li sar konfront mall-Enforcement Officers Deguara u Muscat, u wara li l-Qorti wissietu li setghu jittiehdu passi kontra tieghu ghall-gurament falz, hu bidel il-versjoni u ammetta li kien qed igorr  ghaxar (10) passiggieri.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi una volta li l-istess appellant ammetta quddiem din il-Qorti li dak in-nhar kien qed igorr ghaxar passiggieri, l-ewwel aggravju jisfuma fix-xejn u kien jirrazenta l-frivolu u ghalhekk qed jigi respint .**

**Illi dwar it-tieni aggravju ma hemmx dubju ukoll li l-appellant ma kellux il-licenzja tal-Grupp D 1 li suppost kellu biex jista' jgorr in-numru ta' passiggieri li kien qed igorr. Illi l-ispjegazzjoni li ttanta jaghti l-appellant li hu ma kienx jaf li suppost li kellu din it-tip ta' licenzja hija wahda li ma ghandha ebda fondatezza legali. Din l-imputazzjoni li ma kellux licenzja hija wahda li tissejjah "*a technical offence*" u ma tirrikjedi ebda *mens rea* partikolari jew xi intenzjoni specifika biex tigi kommessa. Bizzejjed li jirrizulta pruvat il-fatt li wiehed m' ghandux licenzja u li cio' nonostante hu jkun saq vettura minghajr l-istess licenzja. Il-klasssifika tal-licenzji fi gruppi differenti tohrog mill-istess ligi u ma hemmx ghalfejn li d-definizzjoni ta' kull grupp x' ikopri u ma jkoprix tkun miktuba fuq il-licenzja jew *tag* li s-sewwieq jinghata f' idejh. L-injoranza tal-ligi ma tiskuza lill-hadd. Umbaghad hu ferm inverosimili w improbabbli li sewwieq ta' vetturi ta' trasport bhal ma hu l-appellant, ma jkunx jaf ezatt il-portata tal-licenzja jew licenzji li jkollu f'idejh specjalment meta mill-fedina penali tieghu jirrizulta li gja kien instab hati darba li garr persuni aktar minn-numru ta' passiggieri stabilit ghall-vettura u darba ohra li zied is-seats fuq vettura bla permess. Ghalhekk il-versjoni tal-appellant, li hu minghalih li kien kopert bil-licenzja li kellu, ma hix attendibbli u - anki kieku kienet - ma toffri ebda skuzanti jew attenwanti. Ghalhekk anki t-tieni aggravju hu bla bazi u qed jigi respint.**

**Illi dwar it-tielet aggravju, li jirrigwarda l-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubbklika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999]**

, “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina” **[24.4.2003] u ohrajn.).**

**Il-piena ghall-ewwel reat hija dik tal-kontravvenzjonijiet bl-ammenda ma tkunx inqas minn hames liri skond l-artikolu 55 (1) tal-Kap.65. Il-piena ghat-tieni reat hi dik tal-multa ta’ mhux izjed minn LM100 jew il-prigunerija ta’ mhux izjed minn tlitt xhur skond l-artikolu 15 (1) (a) tal-Kap.65. Umbaghad, skond l-artikolu 3 (2) (a) tal-Kap.104, il-piena ghat-tielet imputazzjoni, fil-kaz ta’ l-ewwel reat, hija dik tal-multa ta’ mhux inqas minn elf lira (LM1000) izda ta’ mhux izjed minn elfejn lira (LM2000) jew prigunerija ta’ mhux izjed minn tlitt xhur, jew il-multa jew prigunerija flimkien.**

**Fl-ewwel lok ghandu ghalhekk jigi precizat li l-piena fir-rigward tat-tieni imputazzjoni kellha tkun dik tal-multa u mhux dik tal-ammenda applikata mill-Ewwel Qorti.**

**Illi pero’ u f’ kull kas, bejn it-tieni u t-tielet imputazzjoni hemm il-konkors formali jew ideali, stante li fatt wiehed ta lok ghall-aktar minn reat wiehed. Ghalhekk il-piena ghar-reat minuri, cioe’ dak taht it-tieni imputazzjoni ghandha tigi assorbita fil-piena ghar-reat aktar gravi taht it-tielet imputazzjoni. Illi inoltre skond l-artikolu 17 (f) tal-Kodici Kriminali, persuna misjuba hatja ta’ aktar minn reat wiehed li ghalih hemm pieni pekunjarji, tinghata l-piena jew ammenda oghla jew ta’ l-oghla multa jew ammenda, skond il-kaz, biz-zieda ta’ nofs kull wahda mill-multi jew l-ammendi l-ohra. Peress li skond l-artikolu 13(1) tal-Kodici Kriminali, fejn il-ligi ma tghidx espressament xort’ ohra, l-maximum tal-ammenda huwa hamsa w ghoxrin lira u l-minimum tlitt liri, l-Ewwel Qorti ma setghetx tikkundanna lill-appellant ghall-aktar minn** nofs l-ammont ta’ LM25 **fuq l-ewwel imputazzjoni. Terga u tghid fuq it-tielet imputazzjoni, l-Ewwel Qorti thoss li kundanna ghall-hlas tal-multa minima ta’ Lm1000, preskritta mill-ligi tkun sanzjoni adegwata w sufficjenti fic-cirkostanzi tal-kaz.**

**Ghalhekk it-tieni aggravju qed jigi milqugh u hemm lok ghall-temperament fil-piena.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament u qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati tat-tlitt imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w fejn skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar u tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghall-multa ta' elf u mitejn lira Maltin (LM1200) fuq it-tielet akkuza u ammenda ta' LM25 fuq l-ewwel u t-tieni akkuza w minnflok tikkundanna lill-appellant ghall-multa ta' elf lira Maltin (LM1000) fuq it-tielet imputazzjoni bl-assorbiment tal-piena ghat-tieni imputazzjoni minnhaba l-konkors formali jew ideali bejn dawn iz-zewg imputazzjonijiet , kif ukoll ghall-ammenda ta' ghaxar liri Maltin (LM10) ghall-ewwel imputazzjoni.**

**L-iskwalifika mil-licenzji tas-sewqan tibda minn-nofs il-lejl (12.00 pm) tal-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------